# Lil Ħabibi Poeta Karmenu Vassallo

**Pawlu Mifsud**

FIL-1970, KARMENU VASSALLO kien ippubblika ġabra ta' versi tiegħu stess bl-isem ta' *Tnemnim*.

Minbarra l-għadd sabiħ ta' poeżiji li jidhru f'dan il-ktieb Vassallo kien għoġbu jikteb ukoll, xi ftit fit-tul, introduzzjoni bil-wisq interessanti. It-titlu li taha hu ``Daħla Għal Vrusi''. Meta wieħed jaqra dan it-trattat mill-ewwel għandu jinduna bl-istqarrija tal-fidi tiegħu soda kif ukoll bil-fiduċja kbira li dan ħabibna, poeta qawwi fi ħsibijietu sa mill-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu, kellu f'Alla l-Imbierek, il-Ħallieq u s-Sid ta' kollox u ta' kulħadd.

Vassallo, f'parti minn din id-daħla, jistqarr li hu x'aktarx magħruf mill-oħrajn bi bniedem pessimista. Din il-ħaġa hu jaċċettaha u jammettiha imma, fl-istess ħin, jiddikjara li s-sabiħ u l-ferħ tal-ħajja kien jaf jarah u jħossu wkoll u kien iqis lilu nnifsu bniedem ottimist daqs kemm hu pessimist. Naqraw f'paġna 28 ta' din id-Daħla kliem Vassallo nnifsu fuq dan il-punt: ``*L-Ottimiżmu tiegħi hu sehem sħiħ minn siġret ħajti daqskemm hu l-pessimiżmu.*'' U jien, din l-istqarrija tiegħu emmintha dak in-nhar u għadni nemminha sal-lum li m'għadux ħaj fostna.

Imma niftakar li dak in-nhar li qrajt din id-``Daħla'' . . . kont bqajt milqut f'qalbi u f'moħħi bil-kliem ta' l-aħħar paragrafu li, kif ġà għedt Vassallo kien kiteb hu nnifsu, u li hu x'aktarx mimli swied il-qalb. Dan l-aħħar paragrafu żgħir fl-introduzzjoni tal-poeta — bid-data tad-9 ta' Frar 1970 — naqraw dan li ġej:

> ``Kelma ta' l-aħħar. Semmejt dal-ktieb *Tnemnim* għax inħoss li hu u jien għandna minn xemgħa tnemnem li waslet biex tintefa. Kemm ser indum ħaj ma nafx u ħadd ma qalli. Imma naħseb li bħala kittieb ta' versi mitt diġà. Ikun imbierek Alla kemm fis-Sema u kemm fuq l-Art.''

Meta qrajt u xtarrejt sewwa dan il-kliem nibet f'moħħi l-ħsieb u tnisslet f'qalbi x-xewqa li nikteb lil Vassallo biex ngħidlu ma jaqtax qalbu mill-ħajja, jagħmel kuraġġ u ma jintelaqx mal-wied tad-dmugħ u tan-niket li jsuqna ta' sikwit tul ħajjitna. U dawn il-ħsibijiet, minflok ktibthom f'sura ta' ittra milli niktbu s-soltu, insiġthom f'versi — poeżija ta' forma tradizzjonali kif inħobbha jien u kif kien jistenna minni hu.

**Lil Ħabibi Poeta Karmenu Vassallo**

DIN tiegħek, għażiż ħija, xejn ma ddoqqli
Li tiġi tgħid li w'salt f'xifer it-triq;
Li int bħal xemgħa li dalwaqt tintefa,
Li daqt tindifen taħt salt xewk w għollieq.



Għax tmut qabel il-waqt? Għaliex tinħela,
Meta, nħoss jien, għad hemm il-ħajja fik?
Għad hemm il-qalb u l-moħħ safjin itektku,
Ukoll jekk, forsi, saħħtek xejn ma ttik?

Huwa, ngħid jien, min twieled w għex poeta
Jista' xi darba ma jibqax li jkun?
Jista' jiftaqar kif jiftaqru l-kotra?
Irrid infisser jien li jsir komun?

Din żgur ma tinżillix, ħabib ta' qalbi,
Għax il-poeta mhux xi kantant fin
Li darba kellu leħen jgħaxxaq dinja
U llum garġiħ intebqu, sfaw nexfin.

La kont poeta lbieraħ, tkun u tibqa' —
Jekk taħsel tkun poeta kbir tassew —
Poeta bħalm'int int, mhux xi ħarbiexi
Ta' vrus bla sens li lanqas jaf kif ġew.

Ħallik, għalhekk, minn qtigħ il-qalb u t-telqa,
U qis li qalbek bl-għana dejjem tfur,
Għax jekk emmintek dejjem f'dak li għedtli,
F'dil-ħaġa, tgħid xi tgħid, ma nemmnekx żgur.

(30.9.70)

Ta' ħabib li kien, Vassallo kien weġibni. Iżżieni ħajr u wrieni wkoll il-gost li ħa meta qara l-versi li kont ktibtlu għaliex ra fihom messaġġ sinċier ta' ħbiberija ħiereġ mill-qalb ta' poeta ieħor ferm inqas minnu fil-ħila f'dik li hi sengħa u ħsibijiet fin-nisġa tal-poeżija. Ta' wieħed li kien jixtieqlu mill-qalb gliegel ta' hena u ta' tama tul is-snin li kien għad baqagħlu jgħaddi fuq din l-art. Xejn inqas, kif tabilħaqq seħħ, minn sbatax-il sena oħra!

L-ittra, it-tweġiba ta' ħabibi Karmenu, fittixtha u ma sibthiex. Għalhekk ma rrid inżid xejn ma' dak li għedt. Ħlief li jien nibqa' dejjem niftakar fih, nitlob għalih, nitkellem fuqu ma' kulħadd bl-akbar gost għaliex inqis u nħoss li Vassallo kien, u jibqa', wieħed mill-poeti kbar li għamel ġieħ kbir lil Artna fil-qasam tal-Letteratura Maltija.